**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR JOSEPH AZZOPARDI LLD**

**ONOR. IMĦALLEF DR JOSEPH ZAMMIT Mc KEON LLD**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LLD**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta` Ottubru 2018**

**Att ta' l-Akkuza Numru 4/2011**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mariano Grixti**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuza imressqa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fejn wara li ippremetta:

**Fl-Ewwel Kap**, illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2005 ghal habta ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofs in-nhar (04:30pm), l-akkuzat kien qieghed fl-ghalqa tieghu sitwata fiz-Zurrieq jirranga u jibni hajt tas-sejjiegh. Sussegwentement, sab oppozizjoni minn Joseph Mifsud li dak il-hin kien

qieghed josservah minn go l-ghalqa tieghu biswit dan l-istess hajt tas-sejjiegh.

Illi l-akkuzat u Joseph Mifsud bdew jargumentaw. Prezenti kien hemm ukoll it-tifel ta' Joseph Mifsud, dak iz-zmien il-minuri Redeemer Mifsud.

Illi f'mument minnhom Joseph Mifsud ta dahru lil l-akkuzat u dak il-hin l-akkuzat dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Joseph Mifsud kif ukoll lit-tifel tieghu Redeemer Mifsud jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, ipponta senter tal-kacca fid-direzzjoni taghhom u sparalhom hames tiri.

Illi b'dawn il-hames tiri laqat lil Joseph Mifsud f'daru, f'idejh ix-xelluga kif ukoll f'saqajh. Biz-zewg tiri l-ohra laqat lil Redeemer Mifsud f'daru kif ukoll f'zaqqu. Fortunatament, kemm Joseph Mifsud kif ukoll il-minuri Redeemer Mifsud ma mietux u ghal din ir-raguni l-akkuzat ma irnexxilux fil-ghan tieghu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Mariano Grixti sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mariano Grixti datata t-27 ta' Settembru 2004, kif ukoll b'sentenza ta' l-istess Qorti bl-istess ismijiet pero` datata 13 ta' Mejju 2002 l-imsemmi akkuzat instab hati ta' diversi reati.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mariano Grixti recidiv f'delitt u hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa l-ghomor skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Fit-Tieni Kap**, fl-istess data u hin indikat fl-ewwel Kap, waqt li l-akkuzat kien qieghed fl-ghalqa tieghu huwa kellu mieghu is-senter tal-kacca ta' ghamla Browning bin-numru 751 PP-44538 ikkargat lest b'hames skratac. Illi waqt l-oppozizzjoni li Joseph Mifsud u ibnu ghamlu fuq il-bini ta' hajt tas-sejjieh li l-akkuzat kien qieghed jipprova jibni, l-akkuzat uza dan is-senter sabiex jispara hames tiri fid-direzzjoni ta' l-istess Joseph Mifsud u ibnu Redeemer Mifsud. Illi b'dawn il-hames tiri li l-akkuzat spara fuq

Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud, ikkawzalhom griehi li hajjithom spiccat fil-perikolu tal-mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Mariano Grixti sar hati talli waqt li kien qieghed jikkommetti delitt kontra l-persuna fuq Joseph Mifsud u ibnu Redeemer Mifsud kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar ossija dan is-senter ta' ghamla Browning liema arma ma kinitx qieghda tingarr ghal xi ghan legittimu.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mariano Grixti datata t-27 ta' Settembru 2004, kif ukoll b'sentenza ta' l-istess Qorti bl-istess ismijiet pero datata 13 ta' Mejju 2002 l-imsemmi akkuzat instab hati ta' diversi reati.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mariano Grixti recidiv f'delitt u hati talli waqt li kkommetta delitt kontra il-persuna kellu fuqu arma tan-nar liema arma ma kinitx dak il-hin qeghda tingarr ghal xi ghan legittimu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra limsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija sa tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 49, 50, 31 (1)(b)(viii) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 26(a) ta' Ordinanza Dwar l-Armi, Kapitolu 66 jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**2**. Rat is-sentenza li tat il-Qorti Kriminali fid-9 ta' Frar 2012 fejn, wara li rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-akkuzat hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb illi joqtol persuna jew bil-hsieb illi jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

**3**. Rat illi Mariano Grixti kien ikkundannat ghal piena ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija, kif ukoll ghall-hlas tal-ammont ta' elfejn seba` mija u tmienja u tletin Euro u dsatax il-centezmu (€2738.19) bhala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess, illi jekk ma jithallsux fi zmien hmistax mid-data tas-sentenza kellhom jigu konvertiti f'piena ta' prigunerija skont il-ligi. Kienet ordnata wkoll il-konfiska tal-arma tan-nar li ntuzat fit-twettieq tar-reat.

**4**. Rat ir-rikors ta' l-appell li pprezenta Mariano Grixti fl-14 ta' Frar 2012, liema rikors ġie rtirat u sostitwit bir-rikors ta' l-appell datat 02 ta' Marzu 2012, u dan kif jirrizulta min-nota ipprezentata kontestwalment, kif ukoll mill-verbal tat-3 ta' Novembru 2016, fejn talab ir-riforma tas-sentenza appellata bil-konferma ta` dik tal-parti fejn kien liberat mit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża u bir-revoka tal-bqija, jew alternattivament bil-varjazzjoni tas-sentenza fil-parti li tikkonċerna l-piena.

**5**. Rat l-atti kollha tal-kawza;

**6**. Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat :**

**7**. Illi l-lanjanzi tal-appellant essenzjalment jiffukkaw fuq id-difizi tieghu kontra l-akkuza ewlenija addebitata lilu tat-tentattiv ta' omicidju, liema difizi gew skartati mill-Ewwel Qorti. Illi b'mod ewlieni jilmenta illi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti ma tatx l-importanza mehtiega lid-difiża imqanqla minnu dwar in-nuqqas ta' l-element formali mehtieg sabiex jikkonfigura r-reat tal-omicidju volontarju. Illi subordinatament ghal dan l-aggravju jishaq illi anke jekk l-element formali jirrizulta ppruvat kienu jikkonkorru l-elementi li jsawwru l-iskriminati tal-legittima difiza, li ggib maghha l-impunita', u fin-nuqqas, ta' l-iskuzanti tal-eccess ta' l-istess, kif ukoll dawk kontemplati fl-artikolu 227(a) u (c) tal-Kodici Kriminali dwar l-provokazzjoni, u 'l hekk msejha '*furia di sangue*'. Finalment l-appellant jilmenta illi l-piena inflitta kienet fic-cirkostanzi eccessiva.

**Ikkunsidrat :**

**8.** Illi jibda biex jingħad illi bħala prassi u fid-dawl ta' ġurisprudenza nostrana, din il-Qorti ma tiddisturbax l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret

minn min ikun iġġudika l-fatti.[1] Illi dan qed jingħad ukoll fid-dawl tad-dettami tal-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dan il-każ il-Qorti Kriminali kellha l-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux tisma' biss il-provi iżda li tevalwa l-imġieba u l-komportament tax-xhieda li ddeponew quddiemha, liema analiżi kienet essenzjali sabiex dik il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha.

**9**. Madankollu, din il-Qorti trid necessarjament tghaddi sabiex taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-verżjonijiet ta` naha u ta` ohra fil-kawza bil-ghan li jigi determinat liema miz-zewg verzjonijiet dwar il-fatti hija l-aktar kredibbli u verosimili u dan fid-dawl tal-aggravji li ressaq l-appellant. Dan ghaliex fis-sostanza l-pern kollu ta' dan l-appell huwa fondat *in primis* fuq in-nuqqas tal-Ewwel Qorti (li tat decizjoni mingħajr il-ġurati fuq talba tal-appellant stess) li twarrab id-difiżi sollevati, meta qieset li l-verżjonijiet mogħtija mill-parti leza, Joseph u Redeemer Mifsud, kienu aktar kredibbli u verosimili minn dik tal-appellant.

**10**. Id-difiża tishaq illi l-verżjoni ta' Mariano Grixti kienet wahda aktar b'sahhitha sorretta mill-provi forensiċi u mediċi li ġew ippreżentati matul is-smiegħ ta' dan il-ġuri, u li gew skartati mill-Ewwel Qorti.

> "**Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement**

[1] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.[2]"**

**11**. Illi ghalhekk tajjeb li qabel xejn jigu nkwadrati fil-qosor il-fatti tal-kaz issa taht il-lenti ta' din il-Qorti, qabel ma jigu ezaminati *funditus* il-lanjanzi li qanqal l-appellant.

**12**. Illi mhuwiex kontestat illi l-incident mertu ta' dan il-kaz inqala' bejn l-appellant u Joseph Mifsud minhabba xi xogholijiet li kienu qed isiru mill-appellant fl-ghalqa tieghu li, fil-fehma tal-parti leza, bihom kienet qeghda ssir invazjoni ta` passagg u ta` ghalqa okkupata minnu. Ma hemmx dubju illi dak li wassal ghall-event kriminuz kien diverbju bejn dawn it-tnejn, li kien istigat minn Joseph Mifsud.

**13**. Mifsud jixhed illi dakinhar tal-inċident, ċioe nhar is-26 ta' Ottubru 2005, hu kien flimkien ma` ibnu Redeemer gewwa r-razzett u l-għalqa tagħhom li tinsab fiż-żona magħrufa bħala Tal-Qortin, limiti taż-Zurrieq. Ibnu kien qiegħed jagħlef l-annimali fir-razzett. Mifsud ighid illi hin minnhom osserva li kien hemm l-appellant Mariano Grixti qiegħed '*jaqla` l-pedament ta' l-għalqa tiegħi biex iwessa l-isqaq*'[3]. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni Mifsud ighid li kkonfronta lill-appellant u talbu jieqaf minn dak li kien qed jaghmel. Inqala' argument bil-fomm bejniethom bl-appellant juri l-fehma li kellu jibqa' ghaddej bix-xogholijiet. Skont Mifsud l-appellant kellu xi ġebel f'idu meta mar ikellmu u kellu r-rawgha f'ħalqu. Hekk kif Mifsud illarga minn hdejn l-appellant, u allura kif kien qed jitbieghed minnu u kien b'dahru lejh, allegatament l-appellant sparalu tir, fejn konsegwentement Mifsud intefa' fl-art. Kif qam u mexa madwar għaxar piedi[4], l-appellant qallu l-kliem '*għadek ħaj?*', u taħ tir ieħor fejn Mifsud reġa waqa' mal-art. Mifsud qal

---

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994

[3] Folio 23 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Mifsud mogħtija matul il-ġuri nhar it-2 ta' Ġunju 2012.

[4] Folio 25 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Mifsud mogħtija matul il-ġuri nhar it-2 ta' Ġunju 2012.

ukoll illi ibnu Redeemer kien ħdejħ meta laqqat l-ewwel tir. Jiftakar lill-appellant jesklama fil-konfront ta' ibnu il-frażi : '*int ġejt ukoll?*' F'dan il-mument, skont il-verzjoni ta' Mifsud, l-appellant spara fid-direzzjoni ta' Redeemer ukoll. B'kollox Mifsud jikkontendi li l-appellant sparalu tlett darbiet fejn intlaqat kull darba u dan meta huwa kien qed jallontana ruhu minn hdejh u allura ma kienx qed iħares lejn l-appellant. Mifsud ighid li hu ma kienx armat u fl-ebda mument ma ġie fl-idejn mal-appellant. Fil-kors tax-xiehda tiegħu waqt il-ġuri, Joseph Mifsud jinsisti li hu baqa' fl-għalqa tiegħu meta tkellem mal-appellant u fl-ebda ħin ma daħal fil-passaġġ, peress li ċ-ċint ta` bejniethom mhux wiesgha. Meta kien ikkonfrontat b'dak li qal meta kien iddepona fil-kors tal-kumpilazzjoni madwar ġimgħatejn wara l-inċident, fejn kien xehed illi kien qabez għal ġol-għalqa tal-appellant, wara li kellu xi jgħid mieghu, hu stqarr illi seta' nesa' dan id-dettal.

**14**. Min-naha tieghu, Redeemer Mifsud in sostanza jikkorrabora l-verzjoni ta` missieru. Izid jgħid u jispeċifika illi hu ħareġ ħdejn missieru fil-mument li sema` l-għajjat minħabba t-tilwima li kienet qamet dwar il-ħajt li allegatament l-appellant kien qed jibni abbuzivament. Ighid li kif resaq lejn missieru nnota illi l-appellant kellu ġebla f'idu. Osserva lil missieru pprova jneħħihielu u jsostni li kien irnexxielu. Wara dan, missieru beda jallontana ruhu fejn dar għal ġol-għalqa tiegħu u f'liema mument jistqarr li ra lill-appellant jiġri lejn il-karrozza tiegħu, iġib arma tan-nar u jispara fid-direzzjoni ta' missieru, li skont ix-xhud, lanqas kien laħaq mexa żewġ passi. Kif mar biex jassisti lil missieru jiftakar li l-appellant kien qallu diskors fis-sens '*int ġej ukoll?*' Dak il-mument spara fid-direzzjoni tieghu ukoll. Jiftakar ukoll illi Grixti qal lil missieru '*int għadek ħaj?*' u taħ tir ieħor.

**15**. Redeemer Mifsud kien konfrontat bix-xiehda li kien ta fil-kumpilazzjoni nhar id-9 Novembru 2005[5], billi kien hemm xi inkonsistenzi dwar il-post fejn kienet tinsab l-arma tan-nar. Dan ghaliex fl-istadju kumpilatorju kien xehed illi kien raha isserrah mal-hajt biswit l-appellant u mhux li l-appellant gabha mill-

[5] Folio 32 tal-ewwel Volum tal-atti kumpilatorji.

vettura tiegħu wara li kien faqqa' l-argument. Inoltre stqarr fil-kumpilazzjoni illi huwa fl-ebda hin ma indika illi l-appellant kellu gebla f'idu. Ighid illi dak iz-zmien huwa kien għadu żgħir u kien nesa' dawn id-dettalji. Fiz-zmien tal-incident, Redeemer Mifsud kellu erbatax-il sena.

**16**. Min-naha tiegħu, l-appellant jikkontendi li dakinhar tal-event kriminuz hu kien qiegħed jirranġa s-selħa fil-ħajt tas-sejjieħ fil-passaġġ tiegħu wara l-maltemp, meta avviċinah Joseph Mifsud flimkien ma` ibnu, li beda joggezzjona ghax-xogholijiet li kien qed jaghmel[6]. Hu wiegbu biex iħallieħ ikompli bi kwietu u biex ma jaqlax inkwiet, izda Mifsud u ibnu ħebbew għaliħ bi vjolenza billi '*bdew ifajruli bl-idejn, umbagħad bdejt inkeċċihom minn ġo ħwejjġi, ma riedux joħorġu, bdew jhedduni, umbagħad imbuttawni għal fuq il-ħajt, rassewni ma l-ħajt*[7]'. Jallega illi Redeemer Mifsud qabad is-senter tal-appellant, li kien qiegħed iserraħ mal-ħajt, u ppuntah lejh filwaqt li Joseph Mifsud żamm idejn l-appellant minn wara. F'dak il-mument inhakem minn biża' kbira u beda jagħti bis-salt biex jieħu s-senter mingħand Redeemer Mifsud, izda meta insista ma' Mifsud biex jerhi l-arma minn idejh, dan hekk ghamel. F'dan il-mument rnexxielu jisgicca minn taht idejn Joseph Mifsud li kien qed jiġbdu lura kull darba li kien qed jipprova jieħu l-arma minn id Redeemer. Jinsisti illi hawn huwa mexa żewġ passi, izda Mifsud reġgħu ħebbew għaliħ billi din id-darba ġew minn warajħ u qalbuħ mal-art fejn, skont l-appellant, waqa' fuq dahru u f'liema waqt bdew jitfaghlu l-ġebel minn mal-ħajt tiegħu waqt li kienu '*darhom lejja ... rashom l-isfel*[8]'. Jishaq illi baqgħu jhedduħ, tant illi kompla jinhakem minn biza' kbira u f'dak il-mument qabad is-senter u beda jispara għall-art. Ighid li spara madwar ħames tiri b'kollox. Wara l-inċident hu għabba s-senter fil-karrozza, u wara li mar id-dar, ikkonsenja ruħu f'idejn il-pulizija u nfurmhom li kien spara lejn tnejn min-nies. Cahad illi qal id-diskors allegat mill-parti leza waqt it-tilwima li inqalgħet bejniethom.

[6] Folio 53 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Mariano Grixti matul il-ġuri.
[7] Folio 54 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Mariano Grixti matul il-ġuri.
[888] Folio 60 mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda ta' Mariano Grixti matul il-ġuri.

**17**. Determinati l-verzjonijiet tal-parti leza u tal-appellant jidher illi ma hemmx wisq divergenza dwar il-mottiv wara din it-tilwima u kif beda l-argument bejn Mifsud u Grixti. Illi, madanakollu, ma hemmx qbil dwar dak li sehh fil-mument illi l-appellant spara l-arma tan-nar u l-mumenti li ipprecedew din l-azzjoni, bl-appellant jikkontendi illi kien hu li gie aggredit l-ewwel mill-parti leza, filwaqt li Mifsud isostni illi kien l-appellant li hebb ghalih u meta kien beda jillarga minn fuq il-post sehhet l-isparatura fid-direzzjoni tieghu u lejn dahru, mhux lejn l-art kif jikkontendi l-appellant. Illi ir-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, fil-fehma ta' din il-Qorti, tinsab fil-provi cirkostanzjali kif ikkumpilati u imfissra fir-rapporti peritali, mediċi u forensiċi.

**18**. L-espert mediko legali Dr. Mario Scerri jispjega illi Joseph Mifsud sofra ferita estensiva fuq driegħ ta' idejħ ix-xellugija deskritta bħala laċerazzjoni twila 7.4cm bit-tarf inferjuri ta' 3cm 'l isfel mill-*medial epicondyle* (l-għadma prominenti hemmhekk li tintuża bħala *landmark* mit-tobba biex ikejlu il-qies tal-feriti). It-tarf superjuri ta' din il-laċerazzjoni kienet 5.5cm 'l isfel mill-*arm pit*, it-tarf inferjuri tagħha kienet wiesa` 6.5cm u t-tarf superjuri tagħha kienet 4.2cm. Kien hemm numru konsiderevoli ta' ċomb (*pellets)* li daħħlu fil-*myocardium* (il-muskolu tal-qalb) li fortunatament ma kellhomx daqshekk *kinetic energy* li jagħmlu ħsara fil-qalb. Instabu wkoll *pellets* oħrajn fil-pulmun, fil-fwied, fil-misla, fil-kliewi u fid-*descending colon* li madankollu minn intervent kiruġiku li sar fuq Joseph Mifsud irriżulta li ma kienux ippenetraw dawn l-organi[9] u m'għamlux daqstant ħsara. Kien hemm penetrazzjoni ta' ċomb ukoll fil-kavita' toraċika kif ukoll fid-driegħ tax-xellug indikattiv ta' '*tir iddirezzjonat mix-xellug ta' Joseph Mifsud illi ppenetra mid-dahar għal lumbar region għal gluteal region għal fuq il-koxxa sa l-patella u ppenetraw ukoll id-driegħ ta' x-xellug*[10]'.

[9] Xhieda ta' Dr. Mark Schembri a folio 132 fit-tieni volum tal-atti kumpilatorji ta' dan il-każ.
[10] Xhieda ta' Dr. Mario Scerri a folio 3 tax-xhieda traskritta tad-deposizzjoni tiegħu matul il-ġuri.

**19**. Min-naha tieghu, Redeemer Mifsud kellu leżjoni f'dahru li kienet tonda bi '*cranated margins*' li kienu maħruqin fit-tarf tagħhom, indikattiv li din il-ferita ġiet kkaġunata minn tir ta' arma tan-nar. Din kienet kompatibbli ma` *entry wound* ta' sparatura li kellha d-daqs ta' 3.3cm fuq il-lemin min-nofs u madwarha kien hemm '*cloud ta' satellite pallets*' ilkoll bil-'*burned margins*', mifruxa fuq area ta' 15.8cm f'direzzjoni vertikali u 10cm f'direzzjoni orizzjontali. Irriżulta li Redeemer Mifsud kellu ferita oħra fuq l-aspett anterjuri ta' żaqqu konsistenti f'leżjoni fejn skont in-notamenti tal-operazzjoni li saritlu fl-isptar, irriżulta li kellu d-demm f'żaqqu fuq in-naħa ta' wara u tbenġila kbira fuq l-aspett laterali ta' n-naħa leminija tal-musrana l-kbira. Kien nstabulu xi ċomb fil-musrana l-kbira li kien rimoss waqt l-intervent kiruġiku. Redeemer kien fi stat gravi iżda kien stabbli.

**20**. Illi finalment l-espert eżamina lill-appellant ġewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija dakinhar stess tal-inċident mertu ta' dan il-każ fejn irriżulta li kellu tbengila fuq in-naħa tal-lemin tal-parti ta' fuq tad-dahar li kienet friska u li bħala daqs kienet 3.3cm twila u 1.8cm wiesa. Kellu abrazjoni fuq idejħ il-leminija li bħala daqs kienet 1.2cm x 0.3cm u 5.5cm u aktar l-isfel minnha kien hemm abrazjoni oħra bil-qoxra distakkata ta' 0.5cm x 0.3cm. Kien hemm xi abrazjonijiet oħra imqabbzin żgħar fuq il-pala ta' idejħ ix-xellugija bejn is-swaba kif ukoll abrażjoni oħra fuq żaqqu li pero ma kinitx friska u ma kelliex x'taqsam ma dan l-inċident. Kellu xi tbenġil ieħor mhux frisk u kellu tbenġila fuq sidru ta' kulur vjola ta' 6.2 x 5.6 bit-tarf medjali ta' 4.8cm x 3.3cm l-isfel minn-*nipple* xellugija.

**21**. L-espert mediko-legali jikkonkludi li l-feriti riskontrati fuq Joseph u Redeemer Mifsud kienu friski u kompatibbli ma tiri ta' senter. Il-ferita fi driegħ ix-xellugija ta' Joseph Mifsud kienet kompatibbli ma` tir ta' senter sparat mill-viċin. Ic-ċomb li nstab fuq in-naħa tax-xellug fuq dahar Joseph Mifsud kien kompatibbli ma` sparatura li saret mhux mill-viċin daqs l-isparatura fi driegħu. L-istess għal dak li jirrigwarda ċ-ċomb fuq ir-riġel lemini u laterali ta' Joseph

Mifsud, li kien ukoll ikkaġunat minn tir ta' senter li kien sparat minn ċerta distanza. Il-kundizzjoni ta' Joseph Mifsud meta ddaħħal l-isptar kienet waħda kritika iżda din qalbet għall-aħjar u saret stabbli.

**22**. Skont l-istess espert, il-ferita fuq dahar Redeemer Mifsud kienet kompatibbli ma` *entry wound* ta' tir ta' senter sparat mill-viċin filwaqt li l-ferita fuq żaqqu kienet kompatibbli ma` *exit wound* minn tir ta' senter ukoll. Redeemer Mifsud ukoll kien fi stat kritiku meta ddaħħal l-isptar iżda sussegwentement qaleb għall-aħjar u rkupra. L-espert kkonferma li Redeemer Mifsud x'aktarx laqqat tir wieħed, li dahal mid-dahru u ħareg minn żaqqu. Madankollu kkonferma li kienu nnstabu żewġ takkek fil-ferita li setghet tfisser li kien hemm żewġ sparaturi f'daqqa. Rigward Joseph Mifsud l-espert kien tal-fehma illi l-feriti riskontrati kienu kompatibbli ma' żewġ tiri ta' arma tan-nar, bl-ewwel wahda tghaddi żbrixx minn ma` drieghu filwaqt li l-oħra kienet iktar mill-bogħod u fetħet biċ-ċomb. Huwa kien tal-fehma illi fil-mument illi saret il-ferita li kellu Joseph Mifsud fid-driegħu, x'aktarx illi dan kellu idejħ miftuħa meta laqqat dak it-tir. Inoltre l-espert iddikjara illi t-tiri lejn Joseph Mifsud kienu x'aktarx ġejjin mill-aspett laterali tax-xellug. Dwar Redeemer Mifsud, dan ma kienx 'il bogħod meta safa' milqut mit-tir imma lanqas ma kien qed imiss mal-arma jew viċin ħafna. Kien hemm tlett distanżi differenti fl-isparaturi kif saru.

**23**. Dwar il-feriti riskontrati fuq Mariano Grixti, l-espert jikkonkludi li t-tbengila fuq dahru kienet friska u kompatibbli ma` *blunt trauma*, filwaqt li l-abrazjonijiet li kellu fuq idejħ tal-lemin kienu friski u kompatibbli ma` grif, bħalma kienu dawk fuq il-pala ta' idejħ tax-xellug. It-tbengila li kellu fuq in-naħa xellugija ta' sidru kienet wkoll friska u wkoll kompatibbli ma` *blunt trauma.* Il-ġrieħi kollha li kienu riskontrati fuq l-appellant kienu deskritti bħala ħfief mill-espert Dr. Scerri. Dawk riskontrati fuq l-appellant f'idejħ kienu kompatibbli ma' marki tad-dwiefer jew grif filwaqt li l-*blunt trauma* fuq sidru kienet indikattiva li jew qala` daqqa ta' xi ħaġa jew li habat ma` xi ħaġa. Meta kien mistoqsi mid-

difiża dwar il-*blunt trauma* fuq dahar l-appellant, Dr. Scerri kien xehed li din setghet kienet ikkaġunata meta ħabat ma` oġġett jew meta ħabbtu oġġett għal fuqu. Illi t-tbenġila fuq sider l-appellant ta' lewn vjola kienet reċenti u kellha forma triangolari li tfisser li jew ħabat ma xi ħaġa jew ntlaqat b'xi ħaġa b'dik il-forma. Mistoqsi jekk setghetx kienet ġebla, huwa wiegeb li kienet bil-wisq triangolari biex tkun ġebla, sakemm it-tarf tagħha ma tkunx iffurmata bil-kantuniera unita[11].

**24**. Illi l-opinjoni u r-rizultanzi ta' l-espert Dr Scerri huma kkonfortati mix-xiehda ta' Dr. Mark Schembri li kien responsabbli għall-interventi kiruġiċi li saru fuq Joseph u Redeemer Mifsud. Jidher illi Joseph Mifsud kellu 80 ċomba li ppenetrawlu sidru, izda li ma ppenetrawx l-organi vitali. Rigward il-ferita fid-driegħ ix-xellugija ta' Joseph Mifsud, Dr Schembri xehed illi l-pazjent tilef l-uzu tal-muskolu ta' l-id fuq dik in-naħa (it-*triceps*). Redeemer Mifsud kellu żewġ feriti : waħda fid-dahar, u l-oħra fiz-zaqq li kienet `l isfel.. Kien hemm takka li ġiet irtirata minn kull waħda mill-feriti. Instab ukoll ċomb fil-fwied u fil-kilwa tal-lemin. Meta kien operat, irriżulta li Redeemer Mifsud kellu ftit demm fuq in-naħa tal-lemin tal-musrana u sabulu ftit pellets taċ-ċomb fil-ħajt tal-musrana. Wara li dawn tnaddfu instabet it-tieni takka.

**25**. L-esperti ballistiċi u ċioe l-Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia jaffermaw illi s-senter elevat u li kien allegatament uzat sabiex jiġu sparati t-tiri, mertu ta' dan il-każ, ma kien fiħ l-ebda skartoċċ. L-iskrataċ tal-kaċċa sparati, instabu f'nofs it-treqja li kienet f'telgħa. Wara ċ-ċint kien hemm skartoċċ ieħor li kien waqa' fuq biċċa pala tal-ħadid. Tlett metri aktar `il fuq, fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm tnejn oħra sparati mal-art. Kien hemm traċċi tad-demm (taqtir u ċappa) ħdejn fejn instabu l-aħħar żewġt iskrataċ mensjonati. Instab skartoċċ ieħor sparat fit-trejqa daqsxejn aktar `il fuq minn dawn l-aħħar żewġt iskrataċ. Dawn l-esperti ikkonstataw li kien hemm bajtar tax-xewk li

[11] Folio 11 mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda ta' Dr. Mario Scerri matul il-ġuri.

ntlaqtu minn sparatura, u li dehru li kienu ntlaqtu min-naħa t-isfel tat-trejqa għal fuq u daqsxejn mil-lemin għax-xellug. L-angolu tat-tiri kien daqxejn `l isfel. Stqarru illi:

> **'Minn fejn instabu l-iskrataċ sparati kien jindika li l-erba' skrataċ Dok CF3 u CF4 kienu ġew sparati minn fejn instabu u b'direzzjoni 'il fuq tat-trejqa. Iż-żewġ skrataċ Dok CF5 u Dok CF6 aktarx ġew sparati minn fejn instabu, fid-direzzjoni lejn l-għalqa tax-xellug fejn kien hemm it-taqtir ta' demm fuq il-ħajt'[12]."**

**26**. Dwar l-arma li intuzat jispjegaw li dan kien senter tal-kaċċa tat-tip *semi automatic* tal-għamla *Browning* li jieħu erba` skrataċ. Spjegaw ukoll li ġaladarba t-takka toħroġ mal-balla sparata, din tinqata' minn magħha wara ftit metri filwaqt li ċ-ċomb jibqa' sejjer. Ikkonfermaw wara t-testijiet li saru li l-iskrataċ li nstabu kollha ġew sparati mill-istess senter bl-eccezzjoni tal-iskartoċċ immarkat bħala CF6 li x'aktarx ma kienx sparat minnha.

**27**. Abbazi ta` dawn il-kostatazzjonijiet, dawn l-esperti jikkonkludu li kienu sparati tal-inqas tlett tiri b'kollox fid-direzzjoni ta' Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud, ghalkemm fit-totalita' effettivament kienu sparati madwar sitt tiri. L-esperti ballistiċi stabbilew ukoll li kien hemm distanza qasira minn fejn ġew sparati t-tiri għal fejn instabet d-dmija. Dan jikkonferma li t-tiri ġew sparati minn distanza ravvicinata tenut kont tal-fatt illi nstabu żewġ takki fil-persuna ta' Redeemer Mifsud. Dawk sparati bl-iskrataċ immarkati Dok CF3 u CF4 li kienu direzzjonati minn isfel għal fuq it-trejqa u daqsxejn lejn ix-xellug filwaqt li dawk immarkati CF5 kellhom direzzjoni mit-trejqa għal ġo l-għalqa li kien hemm fuq ix-xellug tat-trejqa.

**28**. Ikkonfermaw li dawn ma instabux kollha fl-istess post, izda kien hemm distanza bejn skartoċċ u ieħor. Spjegaw li t-takka tibda tissepara minn maċ-ċomb

[12] Folio 15 tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda tal-esperti Ballistiċi matul il-ġuri.

hekk kif toħroġ mill-kanna imma tissepara wara distanza qasira ta' madwar metru u ftit iktar, tibda tnaqqas mill-veloċita' sakemm tinqata' kompletament madwar ħmistax (15) il-metru `l bogħod minn fejn tkun ġiet sparata. Il-fatt li t-takka instabet fil-persuna ta' Redeemer Mifsud tindika li ma kienx hemm iktar minn għaxar (10) metri bogħod bejn l-arma u l-vittma meta ġiet sparata. Ma jeskludux li dan it-tip ta' munizzjoni jista' jikkaġuna l-mewt speċjalment meta jiġi sparat b`approssimazzjoni. Fuq mistoqsija tad-difiża matul il-ġuri, l-esperti ddikjaraw illi kien hemm tiri mmirati lejn l-art imma kien hemm minnhom li kellhom direzzjoni aktar mgħollija allavolja bi trajjetorja l` isfel ukoll. In ri-eżami l-esperti ddikjaraw illi rrispettivament mill-fatt li ċ-ċomb li ntuża kien żgħir, meta sparati mill-qrib jistgħu xorta waħda jipperikolaw il-ħajja ta' min jintlaqat[13].

**29**. Illi abbinat mal-konkluzjonijiet forensici li ghamlu dawn l-esperti, mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina u l-pjanta li rrediega[14] meta mqabbla mar-ritratti li hadu l-esperti tax-xena tad-delitt tohrog stampa cara tal-konfigurazzjoni tal-post fejn sehh l-akkadut bil-passagg u l-irziezet li kien hemm fil-vicinanzi. Minn dawn il-kostatazzjonijiet peritali jidhru wkoll il-marki indikattivi tal-iskrataċ u t-traċċi tad-demm, kif debitament ikkonfermati mill-espert seroloġista Christopher Farrugia[15].

**Ikkunsidrat :**

**30**. Stabbiliti l-provi ewlenin li jistgħu jitfgħu l-aktar dawl fuq l-inċident kif seħħ, din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-kostatazzjonijiet forensiċi u mediċi li saru matul l-investigazzjonijiet f'dan il-każ aktar jagħtu konfort lill-verżjoni mogħtija mill-parti leza milli dik tal-appellant. Ibda biex l-ġrieħi ħfief riskontrati fuq l-appellant mill-espert mediko-legali ma humiex kompatibbli mat-tip ta'

[13] Folio 18 u 19 mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda tal-esperti Ballistiċi matul il-ġuri.
[14] Dok RA1 folio 107 tal-atti kumpilatorji.
[15] Dok CFP1 folio 151 mill-atti kumpilatorji.

aggressjoni kif deskritta mill-appellant. Filwaqt li mhux qed jiġi eskluz li seta' kien hemm kollutazzjoni fizika bejn Joseph Mifsud u l-appellant, in-natura tal-ġrieħi sofferti mill-appellant iktar jindikaw kompatibbilta' mat-tentattiv ta' Joseph Mifsud li jieħu ġebla min id l-appellant jew fl-agħar ipoteżi kollutazzjoni zghira milli daqqiet bl-idejn, tfiegh ta' ġebel u mbuttar fl-art f'aktar minn okkazjoni waħda, allegatament minn idejn il-vittmi kontra l-appellant.

**31**. Illi kif ikkonċediet l-Ewwel Qorti stess, huwa aktar verosimili li Joseph Mifsud qabeż għal ġol-passaġġ meta' tlewwem mal-appellant, fatt ikkonfermat minn ibnu stess meta xehed. Madanakollu, u fuq kollox, il-griehi li kellhom Joseph u Redeemer Mifsud jindikaw car u tond illi l-isparatura fid-direzzjoni taghhom sehhet meta dawn kienu diga' tbieghdu xi distanza mill-appellant u kienu daharhom lejh. Mhux biss izda l-provi cirkostanzjali ukoll huma ndikattivi tad-direzzjoni li hadu l-isparaturi li uhud minnhom kienu mmirati lejn dawn it-tnejn min-nies, u mhux lejn l-art, kif jikkontendi l-appellant. Illi ir-ritratti mehuda mill-esperti tax-xena tar-reat tal-hwejjeg bid-demm u mqatta` tal-vittmi jindikaw kjarament li t-tiri laqtuhom mill-qadd 'il fuq[16]. Illi huwa ndubitat ukoll illi l-arma tan-nar kienet tappartjeni lill-appellant u li l-parti leza ma kenux armati.

**Ikkunsidrat :**

**32**. Illi fl-ewwel aggravju, minnu intentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tinoltra ruhha fl-element formali mehtieg sabiex jissussisti r-reat tat-tentattiv ta' l-omiċidju.

**33**. Issa l-kompjant Professur Sir Anthony Mamo, b'referenza għal ġurista Carrara, u għall-klassifikazzjonijiet li jaghti tal-element formali tar-reat tal-

[16] Ara ritratti numri 05DKN163 sa 05DKN188 tad-Dokument ADF1

omicidju, jishaq illi l-intenzjoni pozittiva diretta (*positive direct intent*) tirriżulta '*whenever the consequences of one's act are foreseen as certain or even as probable and desired*' filwaqt li l-intenzjoni pozittiva indiretta (*positive indirect intent*), skont il-Carrara, tirriżulta meta '*the event was merely a possible consequence of one's act, which event was either not foreseen at all, or was foreseen but not desired*'.

**34.** Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fit-8 ta` Novembru 1988 fil-kawza : "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto**" inghad :-

> **'Skond il-ligi taghna fl-omicidju volontarju l-intenzjoni mhux bil-fors trid tkun dik tal-qtil (*animus necandi*) Hu bizzejjed jekk l-intenzjoni kienet li jpoggi il-hajja ta' dak li jkun f'periklu car. Meta l-intenzjoni hi li toqtol allura dik hija l-intenzjoni diretta. Meta l-intenzjoni hija dik li tpoggi l-hajja f'perikolu car, dik hija intenzjoni pozittiva indiretta. Il-ligi taghna kif qal Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu fuq il-Kodici Kriminali "*has considered that from the point of view of wickedness, having regards to the consequences ensuing there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing proceeds to do an act which in fact causes death, and the man who, although without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death clearly forseen as probable, shall ensue or not is properly treated by law on the same footing as the positive intention to kill.*"**
>
> **Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-*actus reus*, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-*actus reus* kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva. Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew *casus*.**

**35.** Il-gurisprudenza allura qed taghti tifsira lid-diċitura adoperata fil-liġi tagħna partikolarment meta fid-definizzjoni tal-omiċidju volontarju, fit-termini tal-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali, jinghad illi l-*actus reus* jew l-att materjali jrid ikun akkumpanjat bl-intenzjoni li wieħed '**joqtol jew li jqiegħed il-ħajja**

**f'periklu ċar**'. Illi allura min irid jiġġudika l-fatti, għandu jieħu qies tal-provi kollha tal-każ li jkun u jiddeduċi minn dawk il-provi u miċ-ċirkostanzi tal-istess jekk minn ikkometta l-att materjali kellux ukoll l-intenzjoni kriminali li jikkomettih, kif inhu ampjament evidenzjat ukoll minn ġurisprudenza nostrana. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-31 ta` Mejju 2001 fil-kawza "**Il-Pulizja vs Marco Farrugia et**" inghad illi :-

> **'Gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.....'.**

**36**. L-istess prinċipju kien ravvizzat fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**" : deciza fit-8 ta` Lulju 2004 : fejn kien dikjarat illi :-

> **'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.'**

**Ikkunsidrat :**

**37.** Abbinati l-fatti kif diga` delinjati mad-dottrina u mal-gurisprudenza, jingħad preliminarjament illi l-appellant mhux qed jikkontesta li l-att materjali tar-reat kien ezegwiet minnu, iżda jikkontendi li l-element formali huwa nieqes

ghaliex qatt ma kellu dik l-intenzjoni li jispara lejn Joseph u Redeemer Mifsud biex joqtolhom jew iqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car. Hu jibqa' jishaq illi l-intenzjoni tiegħu kienet li jbezzaghhom meta spara lejn l-art u mhux fid-direzzjoni taghhom u dan sabiex igieghelhom jitilqu mill-propjeta tiegħu u jħalluħ bi kwietu kif kien talabhom jagħmlu inizjalment. Fin-nuqqas, l-appellant qed jikkontendi illi *semmai* ghandu jikkonfigura r-reat ravviżat fl-artikoli 216(1)(a) u 217 u ċioe dak tal-ferita gravi li tista` ġġib periklu għall-ħajja iżda mingħajr l-ebda intenzjoni omiċida.

**38.** Ma hemmx dubju, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-isparaturi sehhew hekk kif Joseph u Redeemer Mifsud kienu qed jillargaw minn fuq il-post, bit-tnejn li huma ghalhekk iharsu b'daharhom lejn l-aggressur taghhom u meta ma kenux armati la b'xi arma regolari u wisq anqas irregolari. Kif inghad din il-fehma hija konfortata mill-provi cirkostanzjali u indizzjarji. Il-feriti riskontrati fuq iz-zewg vittmi kienu jinstabu fl-aspett posterjuri tal-gisem u cioe' fid-driegh, fid-dahar u fiz-zaqq, allura fuq in-naha ta' wara u fil-genb. L-ebda tir ma laqathom fuq il-parti ta' quddiem ta' ġisimhom li setghet allura tkun indikattiva ta' xi konfront affrontali, kif ipprospettat mill-appellant. Lanqas ma rrizultaw xi griehi fir-riglejn u fis-saqajn tal-vittmi li jistghu jaghtu konfort lit-tezi tal-appellant illi huwa spara fid-direzzjoni tal-art. Inoltre kemm l-espert mediko-legali Dr Mario Scerri kif ukoll dawk ballistiċi jikkonfermaw li kien hemm distanza bejn Mifsud (missier u iben) u l-appellant meta ntlaqtu bit-tiri u fejn ghalkemm kien hemm minnhom li kienu mill-qrib (ta' driegħ Joseph Mifsud, kif ukoll iż-żewġ feriti ta' Redeemer Mifsud) dawn ma kienux qeghdin imissu mal-arma meta nltaqtu mit-tiri, liema fatt ġie kkonfermat medikament mid-dehra tal-feriti riskontrati fuq il-vittmi minn Dr. Scerri. Ukoll l-esperti tal-ballistika jirriskontraw madwar sitt tiri li ġew sparati mill-arma tal-appellant dakinhar tal-inċident fejn mill-inqas tlieta minnhom laqtu lill-vittmi. Mhux biss izda dawn l-esperti ikompli jindikaw illi l-arma *Browning* użata waqt l-inċident mill-appellant tieħu erba (4) skrataċċ fejn ghalhekk skont il-kostatazzjonijiet tagħhom kien hemm mument meta l-appellant reġa kkarga l-arma sabiex ikompli jispara. Finalment l-esperti forensici, il-Perit Richard

Aquilina kif ukoll l-espert Serologu Christopher Farrugia, jistabilixxu illi t-traċċi tad-demm tal-vittmi Mifsud instabu kemm fil-passaġġ kif ukoll fl-għalqa u fir-rotta li l-vittmi ħadu sabiex jaslu lejn r-razzett ta' Joseph Zahra fejn fittxew l-għajnuna. Dan ikompli jikkonferma li huma dejjem baqgħu jitbiegħdu mir-razzett tal-appellant u mill-passaġġ fejn seħħ l-argument inizjalment fuq il-ħajt filwaqt li l-appellant baqa' jispara ghal fuqhom.

**39.** Illi stabbiliti dawn il-fatti probatorji, il-linja difenzjonali adottata mill-appellant, anke fl-aggravju li gab `il quddiem fi stadju ta' revizjoni, ma jistax iregi ghaliex anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha taccetta it-tezi illi l-vittmi hebbew ghall-appellant meta sehh l-argument bejniethom (anke jekk xjentifikament il-feriti riskontrati ma jindikawx dan) xorta wahda jirrizulta illi l-vittmi Mifsud kienu qeghdin jitilqu minn jeddhom mill-post fejn seħħ l-argument **qabel** ma ntlaqtu bit-tiri, u allura **qabel** ma beda jispara l-appellant. Huwa inverosimili meta l-appellant ighid illi huwa beda jisparalhom waqt li huma tefgħulu l-ġebel imma f'liema waqt huma kienu kif qal hu stess, darhom lejħ u rashom baxxuta[17]. Mill-feriti accertati, ghalkemm kien hemm evidenza ta' *blunt trauma* madanakollu dawn ma kenux indikattivi ta' '*stoning*' fuq il-persuna tal-appellant. Fil-fatt fix-xiehda tieghu, Mariano Grixti jikkontendi illi ghalkemm kienu qed jintefghu numru ta' gebel ta' kull daqs fid-direzzjoni tieghu, stranament l-ebda wahda minnhom ma laqtitu. Il-Qorti issibha difficli ferm temmen din il-verzjoni tal-fatti minn bniedem li kien allegatament aggredit b'tant vjolenza u persistenza, li lanqas tohrog qatra demm minn gismu, u ma jsofrix griehi gravi bhala konsegwenza.

**40.** Lanqas ma ghandha din il-Qorti tinjora l-kostatazzjonijiet ferm siewja li ghamlu l-esperti ballistici fir-rapport taghhom fejn fissru t-trajjetorja tal-iskrataċċ li ġew sparati mill-arma tal-appellant u li nstabu fuq ix-xena tad-delitt. Gie konstatat illi l-iskrataċ immarkati bħala Dok CF3 u CF4 kienu direzzjonati minn

[17] Folio 60 tad-deposizzjoni tax-xhieda tal-appellant matul il-ġuri.

isfel għal fuq it-trejqa u daqsxejn lejn ix-xellug filwaqt li dawk immarkati CF5 kellhom direzzjoni mit-trejqa għal ġo l-għalqa li kien hemm fuq ix-xellug tat-trejqa. Issa din il-kostatazzjoni hija relevanti ferm meta wieħed iqis il-konfigurazzjoni tas-sit fejn seħħew l-isparaturi kif ukoll id-direzzjoni li ħa Joseph Mifsud meta telaq minn ħdejn l-appellant abbinat mal-posizzjoni fejn kien jinsab Redeemer Mifsud li baqa' fl-għalqa tagħhom.

**41.** Mir-ritratti li gibdu l-esperti tax-xena tar-reat, senjatament ir-ritratt immarkat bħala 05DKN130, il-passaġġ in kwistjoni huwa nklinat `il fuq, u kif jirriżulta kemm mill-kostatazzjonijiet tal-esperti, kif ukoll anke minn kliem l-appellant stess, Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud kienu fil-parti aktar `il fuq minnu, filwaqt li l-appellant kien iktar fil-baxx meta spara t-tiri[18]. Barra minn hekk, mit-traċċi tad-demm li nstabu fuq ix-xena tad-delitt, u li ġew ikkonfermati li jaqblu mad-demm tal-vittmi, johrog car illi dawn it-tnejn min-nies reġgħu telgħu fl-għalqa tagħhom li tinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-passaġġ in kwistjoni, daru mar-razzett tagħhom u baqgħu sejrin lejn ir-razzett ta' Joseph Zerafa, kif inghad. L-esperti ballistiċi kkonfermaw ukoll illi l-iskrataċ kienu sparpaljati f'postijiet differenti b'distanza bejn skartoċċ u ieħor fejn indikaw ukoll minn fejn x'aktarx dawn l-iskrataċ ġew sparati. Jikkonkludu illi dawn x'aktarx ġew sparati mill-lok fejn instabu[19].

**42.** Illi allura dawn il-provi cirkostanjzali u cioe' il-fatt illi l-iskratac ma nstabux kollha f'post wieħed abbinata mad-direzzjoni li ħadu Mifsud meta bdew jillargaw minn fuq il-post, liema trajjetorja taqbel mad-direzzjoni tal-isparaturi kif mensjonati mill-esperti ballistiċi, din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni illi t-tiri kienu mmirati lejn il-vittmi meta ġew sparati, u li l-appellant ma baqax post wieħed iżda segwa l-passi ta` Mifsud hekk kif dawn kienu qed jillargaw mill-post.

---

[18] Folio 60 mid-deposizzjoni tax-xhieda tal-appellant matul il-ġuri.

[19] 'Minn fejn instabu l-iskrataċ sparati kien jindika li l-erba' skrataċ Dok CF3 u CF4 kienu ġew sparati minn fejn instabu u b'direzzjoni il fuq tat-trejqa. Iż-żewġ skrataċ Dok CF5 u Dok CF6 aktarx ġew sparati minn fejn instabu, fid-direzzjoni lejn l-għalqa ta' x-xellug fejn kien hemm it-taqtir ta' demm fuq il-ħajt'

*Di piu'* skont ix-xhieda ta' Joseph Mifsud moghtija matul il-ġuri, hu jgħid li intlaqat bl-ewwel tir hu u jaqbez iċ-ċint biex imur fl-għalqa tiegħu fejn mal-ewwel tir hu ntefa' mal-art fejn, qasir żmien wara, Redeemer Mifsud li mar jassisti lil missieru, inltaqat ukoll bit-tiri ravviċinati ta' mhux iktar minn għaxar metri (10) bogħod mill-arma sparata, skont il-kostatazzjonijiet ballistiċi, kif ikkonfermat mit-takki li nstabu fiż-żewġ feriti li sofra Redeemer Mifsud[20]. Skont dan tal-ahhar hu kien fl-għalqa tagħhom meta laqqat it-tiri u jgħid ukoll li kien ħdejn missieru, li tindika li x'aktarx missieru intefa' ġol-għalqa tagħhom stess wara l-ewwel tir[21].

**43.** Illi ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li kien jezisti l-element formali mehtieg sabiex jissussisti r-reat tal-omiċidju ghaliex anke jekk *gratia argomenti* ma tirrizultax l-intenzjoni diretta u pozittiva, madanakollu huwa ndubitat illi bl-agir tieghu l-appellant seta' jipprevedi illi huwa kien qed ipoggi l-hajja ta' Joseph u Redeemer Mifsud f'perikolu car meta beda jispara arma tan-nar ripetutament fid-direzzjoni taghhom huma u jitbieghdu minnu, sabiex b'hekk tikkonfigura l-intenzjoni omicida indiretta, u mhux dik generika li ssir biss hsara fuq il-gisem.

**44. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jiġi respint.**

**Ikkunsidrat :**

**45.** Illi subordinatament ghal dan l-ewwel aggravju, id-difiża tikkontendi li l-isparaturi li saru fid-direzzjoni tal-vittmi kienu meħtieġa minhabba l-bżonn attwali tal-leġittima difiża tal-appellant.

[20] Xhieda ta' Joseph Mifsud a folio 25 tat-traskrizzjonijiet matul il-ġuri.
[21] Xhieda ta' Redeemer Mifsud a folio 43 u 44 tat-traskrizzjonijiet matul il-ġuri.

**46.** Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata :-

**"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.[22]"**

**47.** Illi l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali ighid hekk dwar din l-iskriminanti:

**Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**

**48.** Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-16 ta` Ottubru 2003 fejn inghad hekk :-

**"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici**

[22] Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila'

**skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.**

**Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):**

**"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."**

**Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:**

**"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."**

**Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma**

**jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`[23].''**

**Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:**

> **"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"**

**49**. Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awto-tutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni :-

> **"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**

**La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.**

**Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.[24]"**

**50**. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

**51**. Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti :-

**L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.**

**La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.**

[24] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

**Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.**[25]

**52**. Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

**53**. Illi accertati l-fatti, u determinat minn din il-Qorti li l-verzjoni moghtija mill-vittmi hija aktar verosimili minn dik ta' l-appellant, ghandu jinghad illi fil-mument li ppreceda l-agressjoni huwa ndubitat illi l-appellant hass li l-parti leza kienu qed jippruvaw jostakolawh milli jezercita l-jeddijiet civili tieghu u allura kienu qed izommuh milli jagħmel dak li hu emmen li kien dritt tiegħu li jagħmel. Illi l-appellant jikkontendi illi huwa kien vittma ta' agressjoni gravi, izda il-feriti riskontrati fuq il-persuna tieghu kienu ta' natura ħafifa. Ir-reazzjoni tieghu allura li jispara fid-direzzjoni tal-allegati aggressuri tieghu meta dawn kienu diga' qed jillargaw minn hdejh iwassal sabiex l-elementi tal-gravita`, inevitabbilita' u proporzjonalita` jigu **<u>kollha</u>** neqsin, anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha temmen illi l-allegata agressjoni subita mill-appellant, kif jikkontendi hu, kienet wahda ingusta. Il-konfrontazzjoni li wasslet ghall-bidu ta' dan l-event kriminuz kien wiehed verbali. Ma hemm l-ebda prova xjentifika li l-appellant issubixxa xi aggressjoni bħal dik li ddeskriva fix-xiehda tieghu. B`hekk din il-Qorti ssibha difficli soġġettivament illi tasal biex tqis din il-konfrontazzjoni bħala waħda gravi jew kostitwenti perikolu għall-inkolumita' fizika jew tal-propjeta' tal-appellant

[25] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

b`mod u manjiera illi setgħet twassal għall-'*irreparable evil*' fil-konfront tiegħu jew ta' ħaddieħor.

**54**. Illi jirrizulta ppruvat b`mod infutabbli li l-vittmi kienu qeghdin jitbegħdu mill-appellant b`daharhom lejħ, waqt li kienu qeghdin jillargaw mix-xena tat-tilwima meta hu ddeċieda jispara t-tiri li skond hu kienu immirati lejn l-art. Dan ifisser u dan b'referenza għall-principji dottrinali hawn fuq imfissra li l-appellant ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jispara dawk it-tiri peress li l-periklu li seta' soġġettivament ħass kien diga' ntemm. L-unika "minaċċja" li kien fadal kienet it-"theddida" ta` Joseph Mifsud li kien ser imur javża lis-sid ta` l-art dwar ix-xogholijiet li kien qed jagħmel l-appellant fil-ħajt in kwistjoni, "minaċċja" din li minghajr l-icken dubju ma taqax fid-dettami tat-theddida għall-inkolumita' fizika jew tal-propjeta' kif rikjest mil-liġi.

**55**. Soġġettivament din il-Qorti tqis li l-imgieba tal-appellant setghet tigi evitata u essenzjalment lanqas kien hemm il-ħtieġa tagħha peress li t-theddida kif prospettata *ex lege* ma kenitx aktar tissussisti. Barra minn hekk, u in sostenn ta' dan kollu, l-azzjonijiet tal-appellant ma kenux proporzjonati tenut kont tal-fatt li l-vittmi lanqas biss kienu armati u tenut kont ukoll tan-natura tat-tilwima li nqalghet, kif din skalat u finalment kif spiċċat ħesrem qabel ma ġew sparati t-tiri mill-appellant. Dan huwa wkoll ċar mill-kuntrast evidenti tan-natura tal-feriti riskontrati mill-appellant u mill-vittmi li jkomplu jikkonfermaw li l-aġir tal-appellant ma kienx necessarju fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

**56**. Illi konsegwentement din il-Qorti tghid illi lanqas l-iskuzanti ravviżata fl-artikolu 227(d) u ċioe l-eċċess tal-leġittima difiża ma tista` tigi applikata fil-kaz tal-lum, billi sabiex dik l-iskużanti tista` titqies huwa necessarju li l-Qorti ssib li kien hemm l-iskuzanti tal-leġittima difiża, li mhuwiex il-kaz tal-lum.

**57.** Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti waslet tajjeb għall-konkluzjonijiet tagħha meta skartat din il-ġustifikazzjoni legali.

**58. Ghalhekk anke it-tieni aggravju tal-appellant qed jigi rigettat.**

**Ikkunsidrat :**

**59.** Fit-tielet aggravju, l-appellant iqanqal l-iskużanti tal-provokazzjoni b'offiża gravi jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija, jew provokazzjoni minn delitt ta' kull xorta kontra l-persuna, kif ravvizat fl-artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali.

**60**. Illi l-ilment ewlieni tal-appellant f'dan ir-rigward jikkonċerna, fil-fehma tieghu, il-mod simplistiku kif l-Ewwel Qorti ttrattat u effettivament skartat din l-iskużanti. In partikolari l-appellant jidher li qed joggezzjona ghar-referenza li għamlet l-Ewwel Qorti għall-azzjonijiet subiti minnu bħala fl-agħar ipoteżi ta' natura kontravenzjonali.

**Ikkunsidrat :**

**61.** Illi filwaqt li huwa minnu li r-reat jew reati allegatament kommessi jew li setgħu ġew kommessi fil-konfront tal-appellant, fix-xenarju abbraccjat minn din il-Qorti, m`ghandhomx jitqiesu bhala ta' natura kontravenzjonali, bl-appellant isofri griehi ta' natura hafifa fil-kollutazzjoni li rrizulta li sehhet, xorta jibqa` li dawn ir-reati ma jġorrux piena ta' aktar minn sena prigunerija, bir-reat tal-offiza hafifa fuq il-persuna, fiz-żmien l-inċident, ikun punibbli bi tlett xhur priġunerija,

bl-uzu ta' ġebel lanqas ma jista' jitqies bhala "uzu ta' xi arma rregolari" fil-waqt tal-kommissjoni tad-delitt fit-termini tal-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali.

**62.** Ghalkemm l-appellant jishaq illi huwa kien rinfaccjat b'tentattiv ta' feriti gravi mill-aggressuri tieghu, din il-Qorti, *a skans* ta' repetizzjoni, u gharragunijiet diga` spjegati, mhijiex sejra toqghod fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant, lanqas fil-parti tax-xiehda tieghu fejn jallega li Redeemer Mifsud allegatament ipponta l-arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, u fejn jikkontendi illi l-vittmi bdew jitfgħulu l-ġebel waqt li kienu daharhom lejħ u rashom baxxuta, allegazzjonijiet li kif diga` nghad fil-fehma ta` din il-Qorti huma minghajr l-icken dubju nfondati u inverosimili. Ghalhekk m'għandhomx jiġu akkolti.

**63. Ladarba l-element ewlieni li trid il-ligi sabiex tirrizulta l-iskuzanti tal-provokazzjoni kif ravviżata fl-artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali hija nieqsa, dan l-aggravju ukoll qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**64.** Fir-raba` aggravju, l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti erronjament skartat id-difiża kkontemplata fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 (u paragrafu (b) tal-artikolu 230) tal-Kodiċi Kriminali, billi ħolqot konfużjoni bejn l-elementi skużanti fil-każ tal-eċċess tal-leġittima difiża fit-termini tal-*proviso* ghall-artikolu 227(d) tal-Kodiċi Kriminali, ma' din l-iskużanti li hija ghal kollox differenti mill-istess. *Di piu'* fil-fehma tad-difiża l-ispjegazzjoni li tat l-Ewwel Qorti li biha skartat dan l-aggravju, ma tagħmel l-ebda sens speċjalment tenut kont tal-fatti tal-każ, dejjem kif ravviżati mill-appellant.

**65.** Illi l-artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi r-reat tal-omicidju volontarju jkun skuzabbli :

> **(c) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;**
>
> **Sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.**

**66.** Illi huwa minnu li r-referenza li l-Ewwel Qorti għamlet għall-elementi tal-'*biża, ħasda jew twerwir'* huma effettivament abbinati mal-iskuzanti tal-eċċess tal-leġittima difiża, kif ravvizat fis-sub-inciz (d) ta' dan l-artikolu tal-ligi.

**67.** Fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Qorti tghid hekk :-

> **"Il-proviso tal-artikolu 227(c) tal-Kap. 9 jghid illi biex din l-iskuzanti tigi ecepita b'success trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju, komunament iggib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqiesu l-konsegwenzi tad-delitt.**
>
> **Kwindi issa m'ahnix aktar fil-kap soggettiv bhal f'legittima difiza imma f'kap oggettiv u t-test irid ikun illi f'nies b'"temperament ordinarju" komunament igib l-effett illi ma jqiesux il-konsegwenzi ta' ghemilhom.**
>
> **Hawnhekk l-akkuzat jehel bil-bosta. Alla hares naslu fl-istat illi kull min ikollu xi jghid ma xi hadd, u forsi jigi fl-idejn, u forsi tintuza gebla jew tnejn, jaqbad senter u jispara fuq dak li jkun. Nies ta' temperament ordinarju ma jagixxux b'dan il-mod, izda jekk ikollhom xi jghidu ma' xi hadd jirrapurtaw lil Pulizija u jhallu lil gustizzja tiehu l-kors taghha.**
>
> **Ghalhekk l-akkuzat ma jistax jibbenefika minn din l-iskuzanti, <u>inqas u inqas biz-zieda tal-hsad, bezghat jew twerwir</u>.** (sottolinjar tal-Qorti).

**L-incident, kien x'kien, zgur illi ma kienx daqshekk gravi illi nies ta' temperament ordinarju jagixxu b'dan il-mod u lakkuzat ma jistax jibbenefika minn din l-iskuzanti."**

**68.** Illi allura r-referenza li l-Ewwel Qorti taghmel ghall-iskuzanti ravvizata fis-sub-inciz (d), ma tnaqqas xejn mill-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni o meno ta' l-iskużanti tas-sahna tad-demm fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ghalkemm il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istess ma kenux dettaljati.

**69.** Madanakollu, sabiex tirnexxi b'success din l-iskuzanti, il-gurisprudenza tghid :-

**'Jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-ghemil taghha minhabba li tkun taht l-influwenza immedjata (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol tkun taht l-influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali.**

**Dan l-istat mentali tal-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju.**

**Biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-ghemil taghha.**

**U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna li fil-kazijiet ta' provokazzjoni, cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar habba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju,**

**komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt'**[26].

**70.** Tkompli l-gurisprudenza :-

**'l-agitazzjoni tal-mohh ma tfissirx necessarjament li ma hemmx intenzjoni. Addirittura l-ligi stess tikkontempla reat bhar-reat ta' omicidju volontarju skuzat bl-agitazzjoni tal-mohh. Mela allura jfisser li hemm l-elementi kollha ta' l-omicidju volontarju inkluza allura l-intenzjoni li noqtol jew li nqieghed il-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car, pero` jkun hemm l-iskuzanti ta' l-agitazzjoni tal-mohh'**[27].

**71.** Illi l-Qorti trid allura tqis l-agir tal-appellant anke fid-dawl ta' dak prospettat fl-artikoli 229, 230 u 235 tal-Kodiċi Kriminali li jridu jinqraw flimkien mal-artikoli formanti l-mertu ta' dan l-aggravju[28]. Tajjeb jingħad illi b` differenza mal-leġittima difiża, it-test huwa wieħed oġġettiv. Il-Qorti trid tqis jekk nies ta' temperament ordinarju kienx ikollhom l-istess reazzjoni li kellu l-appellant ghall-argument li nsorga bejnu u bejn Joseph Mifsud, argument li kien jinvolvi drittijiet ta' natura civili dwar il-bini ta' hajt tas-sejjiegh u jekk allura fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-appellant kienx gustifikat illi jsib ruhu fis-sitwazzjoni fejn ma jkunx fil-posizzjoni li jqis l-eghmil tieghu u l-konsegwenzi tal-istess.

**72.** Skont il-Professur Sir Anthony Mamo, il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu.

---

[26] Deċiż fit-28 ta' Settembru 2004, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Supejuri), mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David, Ir-Repubblika Ta' Malta Vs Aimen Said Giali El Baden

[27] Deċiża fit-8 ta' Ġunju 2006, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), mill-Imħallfin - Filletti Joseph A., Scicluna David, Micallef Joseph R. - ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat

[28] L-artikolu 229 jitratta meta l-iskużanti taħt l-artikolu 227(c) mijiex ammissibbli; l-artikolu 230 jitratta meta offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli; l-artikolu 235 tispjega meta l-provokazzjoni tiswa, fejn il-liġi teskludi l-applikazzjoni tal-provokazzjoni taħt l-artikoli 227 u 230 '*meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża*'.

**73.** Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv u cioe` persuna b` temperament ordinarju. Il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza :-

> **"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).[29]"**

**74.** Ghalhekk hemm zewg elementi li fuqhom hija fondata l-iskuzanti. Fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ngusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli. Fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

**Ikkunsidrat :**

**75.** Għalkemm mill-provi jirrizulta illi Joseph Mifsud avviċina lill-appellant minn jeddu madankollu dan l-avviċinament ma kienx wieħed vjolenti iżda kien jikkonsisti f'tilwima prinċipalment bil-fomm li f'xi hin skalat għal kollutazzjoni fizika ta' importanza żgħira. It-tilwima jew kollutazzjoni waqfet ħesrem meta Joseph Mifsud telaq minn fuq il-post **<u>minn jeddu</u>** tant illi avża lill-appellant li kien ser isolvi dan id-disgiwd ta' bejniethom b'mod civili u cioe' billi jkellem lis-sid

[29] Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela

tal-art fuq ix-xogħolijiet li kien qed jagħmel l-appellant li skont Mifsud kienu abbuzivi.

**76.** Stabbilit kwindi illi r-reat mertu ta' dawn il-proceduri sehh fil-mument meta dan l-'*agir provokatorju*' intemm u l-vittmi kienu qeghdin jitbiegħdu mill-appellant tant illi dan spara fid-direzzjoni ta' zewg persuni li kienu b'darhom lejh u li ma kenux armati, l-appellant ma jistax jinvoka dina l-iskuzanti. Mhux biss ghaliex il-ligi trid li l-agitazzjoni tal-mohh isehh proprju fil-mument tad-delitt, izda ukoll ghaliex ir-reazzjoni trid tkun oggettivament riskontrabbli fil-kaz ta` nies ta' temperament ordinarju.

**77**. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti meta qieset illi l-argument li sehh bejn tnejn min-nies adulti li f'mumenti anke infexx f'taqbida fizika ma kellux iwassal fil-kaz ta` nies ta' temperament ordinarju ghall-estremi li wasal ghalihom l-appellant u cioe' li jispara fuq zewg persuni li kienu qeghdin jitilqu minn fuq ix-xena u li ma kenux armati.

**78.** Din il-Qorti hija tal-fehma risoluta li persuni ta' temperament **ordinarju** m`ghandhomx igibu ruhhom b`mod insensat ta` dan it-tip. Dan il-komportament ghal kollox bla sens ma` jista` bl-ebda mod jiskuża lill-appellant ghal li gara, anke ghaliex l-appellant kien ben konsapevoli ta' egħmilu.

**79. Anke r-raba' aggravju huwa michud.**

**Ikkunsidrat :**

**80.** Illi fil-ħames u l-aħħar aggravju, l-appellant jilmenta illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva, ghaliex ighid illi l-Ewwel Qorti erronjament ikkalibrat il-piena billi qaghdet fuq paragun li ghamlet mal-fatti li sawwru il-kaz fl-ismijiet '**Repubblika ta' Malta vs Ronald Azzopardi**'. Skont l-appellant, il-fatti ta` dak il-kaz m`għandhom xejn x'jaqsmu ma' dawk tal-kaz tal-lum. L-appellant jishaq ukoll illi l-piena kellha tkun aktar moderata u bilanċjata tenut kont tal-fatt illi l-aggressjoni saret fil-propjeta' tiegħu u kienet kommessa minn zewg persuni.

**81.** Fis-sentenza appellata qed jinghad hekk :-

> **Ikkunsidrat ghal fini tal-piena illi l-hati wettaq reat serju hafna b'mod kodard u kapriccuz. Irid ikollok vera stonku biex tispara fuq tifel ta' 14 il-sena li l-unika reat tieghu kien li kien fil-post u hin zbaljat. Il-Qorti ma tistax twarrab il-fredezza u determinazzjoni li wera l-hati. Huwa inutili jipprova jpengi lil Joseph Mifsud bhala persuna litiguza li jkollu xi jghid ma kullhadd. Il-hati muhiex xi helu u rrizulta mill-fedina penali li gie kundannat mill-Qorti talli insolenta lill-ohtu u sahansitra hedded lill-ommu! L-omm ghaziza li ghalina l-Maltin hadd ma joqghod hdejha u gustament mizmuma b'tant ghozza u mhabba. Kien ikun ahjar ghal hati li jiftakar li nies bis-serer ma jitfghux gebel!**
>
> **Ghalhekk il-Qorti wara li wkoll qieset sentenzi ohra fejn persuni gew misjuba hatja ta' attentat ta' omicidju volontarju senjament "Repubblika ta' Malta vs Ronnie Azzopardi" deciza fid-29 ta' Marzu 2011 tikkundanna lill-hati Mariano Grixti ghall-hamsa w ghoxrin (25) sena prigunerija kif ukoll ghall-ammont ta' elfejn seba` mija u tmienja u tletin Euro u dsatax il-centezmu (€2738.19), rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi f'dan il-proċess**

**82.** Abbazi tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti, jidher car illi r-referenza li saret għas-sentenza Repubblika ta` Malta vs Ronald Azzopardi kienet sekondarja ghall-motivazzjonijiet l-ohra li wassluha sabiex tinfliggi piena karcerarja ta' hamsa u ghoxrin (25) sena.

**83.** Illi fis-sentenza citata mill-Ewwel Qorti il-hati weħel il-piena ta' għoxrin sena prigunerija ghar-reat tat-tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' persuna waħda.

**84.** Fil-kaz tal-lum l-Ewwel Qorti ziedet konsiderazzjonijiet ohra li kienu ferm indikati marbuta mal-fattispecje tal-kaz. Qieset mhux biss illi r-reat kien kommess kontra zewg persuni, wiehed minnhom minorenni ta' 14-il sena li kwazi tilef hajjtu minhabba l-agir kriminuz tal-appellant, izda qieset ukoll l-antecedenti penali tal-appellant, fejn huwa kien gie misjub hati ta' reati ta' agressjoni sahanistra fuq membri tal-familja tieghu, inkluza ommu.

**85. Illi din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti din id-darba dwar piena.**

**86.** Tghid dan minghajr l-icken esitazzjoni meta tqis fl-assjem taghhom ic-cirkostanzi ta' dan il-każ, fejn l-appellant certament ma kellux il-htiega li jispara fuq tnejn min-nies li kienu b'daharhom lejh tant illi l-vittmi spiccaw fil-periklu tal-mewt għal xi żmien minħabba l-feriti kkaġunati fuqhom mill-appellant.

**87.** Din il-Qorti lanqas tara li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena minhabba ic-cirkostanzi indikati mill-appellant, u cioe' illi l-iskontru inizjali sehh fil-proprjeta tieghu. Vjolazzjoni ta` drittijiet civili (**<u>attwali jew prezunti</u>**) ma tista` qatt tiggustifika illi xi ħadd jieħu l-liġi b'idejħ biex jipproteġi dak li hu jqis bħala '*dritt*' tiegħu (**<u>attwali jew prezunt</u>**).

**88.** Socjeta` bhal taghna fondata fuq *the rule of law* tahseb ghal modi ohra ta` kull xorta kif tilwim jigi risolt diversament.

**89.** **<u>Xejn</u>** fil-kaz tal-lum ma jwassal lil din il-Qorti sabiex tibdel id-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena.

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghall-motivi kollha fuq premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**